31975D0767

L 321/27 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.12.1975

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-9 ta' Diċembru 1975
## li taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ko-operazzjoni Doganali tal-1 ta' Jannar 1975 iddisinjata biex tippermetti informazzjoni tal-istatistika dwar kummerċ internazzjonali miġbura fuq il-bażi tan-Nomenklatura ta' Brussel li tkun espressa f'termini tat-tieni reviżjoni tal-Klassifikazzjoni *Standard* tal-Kummerċ Internazzjonali

(75/767/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment Artikolu 235 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew (1);

Billi l-Istati Membri huma Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-15 ta' Diċembru 1950 dwar in-Nomenklatura tal-Klassifikazzjoni tal-Oġġetti fit-Tariffi Doganali (in-Nomenklatura ta' Brussel);

Billi aċċettaw ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ko-operazzjoni Doganali tat-8 ta' Diċembru 1960 dwar il-korrelazzjoni bejn in-Nomenklatura ta' Brussel u l-Klassifikazzjoni *Standard* riveduta tal-Kummerċ Internazzjonali, adottata matul l-1960 mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Ġnus Magħquda; billi l-istatistiċi li jirrelataw għall-kummerċ estern tal-Komunità u għall-kummerċ bejn l-Istati Membri għalhekk għandhom jimxu man-Nomenklatura ta' Brussel fil-forma preżenti u futura tagħha sabiex l-informazzjoni tal-istatistika li tirrelata għall-kummerċ estern tal-Komunità u għall-kummerċ bejn l-Istati Membri tista' tkun provduta fuq bażi ta' dawn iż-żewġ nomenklaturi internazzjonali;

Billi t-tieni verżjoni tal-imsemmija klassifikazzjoni kienet adottata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Ġnus Magħquda fis-seduta tagħha ta' Ottubru 1974;

Billi fl-1 ta' Jannar 1975 il-Kunsill tal-Ko-operazzjoni Doganali indirizza rakkomandazzjoni lill-Istati li huma membri tiegħu u lill-unjonijiet doganali u ekonomiċi mwaqqfa minn uħud minnhom, biex jinkorporaw fit-tariffi doganali tagħhom jew fin-nomneklaturi ta' statistika tagħhom is-subintestaturi mniżżla fl-Anness għall-istess rakkomandazzjoni jew għall-anqas, biex jieħdu l-passi xierqa biex jiffaċilità li informazzjoni ta' statistika tkun irraportata lill-korpi tal-Ġnus Magħquda fuq il-bażi ta' dawn is-subintestaturi,

IDDECIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ko-operazzjoni Doganali tal-1 ta' Jannar 1975 iddisinjata biex tippermetti li l-istatistiċi tal-kummerċ internazzjonali miġbura fuq il-bażi tan-Nomenklatura ta' Brussel li tkun espressa f'termini tal-Klassifikazzjoni *Standard* tal-Kummerċ Internazzjonali, it-tieni reviżjoni, hija hawnhekk aċċettata f'isem il-Komunità bil-għan li tkun implimentata mill-1 ta' Jannar 1978.

Il-Kummissjoni għandha tinforma s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ko-operazzjoni Doganali b'din l-aċċettazzjoni.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Diċembru 1975.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. RUMOR

(1) ĠU C 280, tat-8.12.1975, p. 69.